# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2001.

Kawza Nru. 28.
Citazz. Nru. 1753/00 JRM

**Helen sive Eileen BORG**

**vs**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-25 t'Awissu, 2000 li bih l-attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet Loan Facility lis-socjeta' Nostrum Company Limited (li waqfet l-operazzjonijiet kummercjali taghha u tinsab prezentement fi stat

ta' likwidazzjoni) fl-ammont komplessiv ta' cirka hamsa u erbghin elf lira maltin (Lm45,000); u

Illi mill-annessi dokumenti (Guarantee Form A u B) datati 16 ta' Marzu 1996 u 15 ta' Ottubru 1996 jirrizulta li l-attrici ikkostitwit ruhha garanti in solidum mas-socjeta' Nostrum Co. Ltd. ghall-hlas tal-imsemmi debitu; u

Illi l-attrici kienet tinsab assenti mill-gzejjer Maltin fid-data li fih giet iffirmata l-Guarantee Form u cioe' fid-Data li hemm indikata fuq il-Guarantee Form datata 16 ta' Marzu 1996 kif jirrizulta mill-anness Dok. C;

Illi ghaldaqstant l-attrici qatt ma setghet kienet f'posizzjoni li tiffirma l-Guarantee Form u li per konsegwenza ma tiftakarx li kienet firmatarja tat-tieni Guarantee Form datata 15 ta' Ottubru 1996 li permezz taghhom giet ikkostitwita bhala garanti in solidum mas-socjeta' Nostrum Co. Ltd. ghall-hlas tad-debitu ta' hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000) u tletin elf lira maltin (Lm30,000) rispettivament; u

Illi konsegwentement l-attrici qed tirrileva n-nullita' tal-imsemmija Guarantee Forms stante li l-firma tal-garanti hija falza ladarba l-attrici ma ffirmatx id-dokumenti hi; u

Illi l-attrici giet dikjarata debitrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' sitta u erbghin elf seba' mija disgha u hamsin lira maltin u tlieta u tmenin centezmu ( Lm46,759.83) permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 18 ta' Mejju 2000 u dan b'konsegwenza tal-istess Guarantee Forms (Dok. A u B), f'liema kawza l-attrici kienet kontumaci stante li kienet tinsab assenti mill-gzejjer Maltin fil-mori tal-kawza imsemmija; u

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-firma li tirrizulta fuq il-Guarantee Forms datati 16 ta’ Marzu 1996 u 15 ta’ Ottubru 1996 mhix dik tal- attrici, u li ghaldaqstant l-attrici ma hix garanti in solidum mas-socjeta’ Nostrum Company Limited ghad-debitu ta’ hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000) u tletin elf lira maltin (Lm30,000);

2 Tiddikjara n-nullita’ tal-Guarantee Forms datati 16 ta’ Marzu 1996 u 15 ta’ Ottubru 1996;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attrici, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tat-12 t’Ottubru, 2000, tal-Bank imharrek li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament ir-*res gudikata* bis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta’ Mejju 2000 fl-ismijiet inversi ghal din ic-citazzjoni;

Illi, subordinatament imma dejjem in via preliminari, l-azzjoni attrici hija nulla u inammissibbli stante illi kieku l-attrici riedet timpunja jew tattakka b’xi mod is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-18 ta’ Mejju 2000, din kellha r-rimedju tar-ritrattazzjoni u mhux ir-rimedju li ma jezistiex fil-ligi, kif tentat bic-citazzjoni odjerna;

Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, assolutament ma huwiex minnu li l-attrici Helen sive Eileen Borg ma kienitx garanti fil-garanziji Dok “A” u Dok “B” imsemmija fic-citazzjoni u anki fil-meritu, t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank imharrek;

Rat l-atti kollha tal-kawza, b'mod partikolari n-Nota tal-Osservazzjonijiet imressqa mill-Bank imharrek fl-14 ta' Dicembru, 2000 [pagni 26 sa 31 tal-process], u n-Nota ta' Twegiba tal-attrici mressqa fil-21 ta' Frar, 2001 [pagni 36 sa 38 tal-process];

Rat id-Degriet taghha tas-27 ta' Frar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal decizjoni dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-Bank imharrek, wara li l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu mas-sottomissjonijiet miktuba li kienu diga' ressqu;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, f'din il-kawza, l-attrici qeghda titlob li zewg formoli ta' garanzija li jidhru li saru minnha favur is-Socjeta' Nostrum Company Limited f'Marzu tal-1996 u f'Ottubru ta' dik l-istess sena ghall-ammont shih ta' Lm45,000 jitqiesu nulli minhabba li l-firma taghha fuq wahda minnhom zgur u x'aktarx ukoll fuq l-ohra m'humiex taghha;

Illi tnejn huma l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari li l-Bank imharrek ressaq biex iwaqqaf din l-azzjoni: l-ewwel wahda hija (A) l-gudikat, u t-tieni wahda hija (B) n-nullita' u l-inammissibilita' tal-azzjoni attrici;

Illi din il-kawza ssegwi sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-18 ta' Mejju, 2000, fejn il-Bank illum imharrek (attur f'dik il-kawza) kien gie kanonizzat kreditur tas-Socjeta' Nostrum Company Limited (bhala debitur ewlieni) u l-attrici tallum (bhala garanti solidali). Minn dik is-sentenza ma sarx appell;

Illi l-attrici tghid li fl-ewwel kawza hija naqset li twiegeb ghat-talba tal-Bank (u baqghet kontumaci) ghaliex kienet nieqsa minn Malta. Hekk ukoll kien il-kaz, tishaq hi, fid-dati li suppost gew iffirmati l-formoli tal-garanzija li b'din il-kawza hija qeghda tattakka s-siwi taghhom. Dawn huma konsiderazzjonijiet li jolqtu

l-mertu tal-kawza, u jmorru lil hinn mill-esami li jrid isir dwar l-eccezzjonijiet preliminari li issa qed irressaq il-Bank imharrek f'din il-kawza;

Illi mhix kontestata l-esistenza ta' sentenza li tikkundanna lill-attrici tal-lum li thallas lill-Bank imharrek f'din il-kawza flimkien mal-kumpannija Nostrum Company Limited is-somma ta' Lm46,759.83 (kemm hu hekk dan jinghad fis-sitt premessa tac-Citazzjoni presenti). Ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghal din id-decizjoni minkejja li ma gietx esebita kopja ta' dik is-sentenza;

## ***Ikkunsidrat dwar <u>l-eccezzjoni tal-gudikat:</u>***

Illi hemm qbil bejn il-partijiet - kif jidher car minn qari tan-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom - dwar x'inhuwa mehtieg biex l-eccezzjoni tintlaqa'. Jaqblu dwar il-htiega tal-esistenza tat-tliet elementi ta' l-istess oggett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh ukoll dik il-parti tal-massima ccitata mill-Bank imharrek innifsu, jigifieri li biex dik l-eccezzjoni tirnexxi jehtieg li t-tliet elementi jridu jikkonkkorru ghax, fin-nuqqas, ma jistax jinghad li l-haga hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

Illi l-eccezzjoni tal-gudikat tissemma fl-artikolu 730 tal- Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili bhala wahda li dwarha ghandha tinghata decizjoni b'kap ghaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-decizjoni finali;

Illi, kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet (u kif sehqet l-attrici fin-Nota taghha), l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni [ara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-**5 t'Ottubru, 1998**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*Joseph Camilleri*</u> <u>*vs Lilian Mallia*</u> (Kollez. Vol. **LXXXII.ii.305**) u s-sentenzi hemm imsemmija];

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa mwiezen b'dak daqstant ghaqli li, fejn kwestjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi [ara sentenza ta' din il-Qorti tal-**11 ta' Marzu, 1949**, fil-kawza fl-ismijiet _Cassar Parnis vs Soler nomine_ (Kollez. Vol**: XXXIII.ii.344**)]. Dan il-principju jissahhah meta l-kwestjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jesisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza [ara sentenza ta' din il-Qorti tas-**27 ta' Gunju, 1995** fil-kawza fl-ismijiet _Alfred Paul Farrugia nomine vs Tancred Borg Reveille et;_

Illi n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet f'din il-kawza f'dan l-istadju huwa dwar l-element tal-identita' tat-talba attrici presenti mal-mertu tal-kawza deciza f'Mejju tal-2000. L-attrici tishaq li t-talba taghha tal-lum hija ghal kollox miftuma minn dak li ddecidiet il-Qorti fis-sentenza ta' Mejju, 2000. Kif inghad izjed 'il fuq, l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-garanziji li jorbtuha mal-kumpannija Nostrum Company Limited huma nulli, filwaqt li s-sentenza moghtija f'Mejju tal-2000 tiddikjara lill-attrici tal-lum debitrici solidali tal-kumpannija lejn il-Bank imharrek, proprju bis-sahha tal-imsemmija garanziji;

Illi dwar dan il-punt inqalghu ghadd ta' diffikultajiet matul iz-zmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tinghata lill-frazi l-"istess kawzali" (*eadem causa petendi*), l-izjed dwar kemm ghandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun gie deciz u dak li jkun qieghed jintalab fit-tieni kawza. Huwa tassew ovvju li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat ma' l- esistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti disposittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza. L-attrici, fin-nota taghha, tishaq bl-akbar ragun li l-kwestjoni li dwarha titressaq l-eccezzjoni tal-gudikat jehtieg li, fil-fatt, tkun giet effettivament deciza fl-ewwel sentenza u mhux biss setghet giet deciza [ara sentenza tas-**7 ta' Marzu, 1958** fil-kawza fl-ismijiet _Gerada vs Caruana_ (Kollez. Vol: **XLII.i.113**)];

Illi, minhabba f'hekk, l-attrici qeghda tghid li s-sentenza moghtija kontra taghha f'Mejju tal-2000, billi qatt ma dahlet fil-kwestjoni tas-siwi tal-garanziji, ma jistax jinghad li allura ssejjes dan l-element ilghaliex id-dispositiv ta' dik is-sentenza ma dahalx fil-kwestjoni mqanqla mill-attrici b'din il-kawza;

Illi din il-Qorti fittxet l-ghejjun ta' dritt li minnhom harget u xxettlet id-duttrina tal-gudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jghallmu l-awturi Aubry u Rau u Laurent. M'huwiex ghalxejn li l-ligi tipprovdi (art. 218 tal-Kap 12) li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet li wiehed jasal biex jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha. Kien ghalhekk li jinghad li d-dispozittiv ta' sentenza m'ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat [ara sentenza tal-Qorti tal-**Appell tal-25 t'April, 1938** fil-kawza fl-ismijiet *Sciberras Trigona vs Sammut et* (Kollez. Vol: **XXX.i.131**) u *Testaferrata Bonici utrinque* moghtija mill-istess Qorti fit-**12 ta' Mejju, 1958**];

Illi dan it-taghlim gie mfisser u mtenni wkoll b'mod car hafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil- kawza fl-ismijiet *Grima vs Fava et* (Kollez. Vol: **LI.i.325**) li ghaliha u r-rassenja ta' gurisprudenza msemmija fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jinghad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-esistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-identita' tal-oggett [ara Kollez. Vol. **LXXXII.ii.315** fuq imsemmija];

Illi jekk wiehed iqis it-talba attrici presenti, din timmira li xxejjen ir-rabta li l-attrici jidher li ghamlet bhala garanti favur il-kumpannija Nostrum Company Limited lejn il-Bank imharrek. Is-sentenza moghtija f'Mejju tal-2000 li biha l-attrici tallum tqieset debitrici solidali tal-istess Bank sabitha hekk proprju a basi tal-

garanziji. Mela wkoll jekk il-kwestjoni tas-siwi tal-garanziji ma giex dibattuta quddiem dik il-Qorti, is-sentenza hija marbuta sfiq mal-fatt li l-parti dispositttiva timplika l-validita' intrinsika tal-garanziji. Mehuda f'dan id-dawl, it-talba attrici f'din il-kawza tabilfors tidher kontradittorja mas-sejbien tal-Qorti f'dik is-sentenza;

Illi l-attrici, fin-Nota taghha tghid li x-xilja taghha dwar il-firem suppost taghha fuq dawk il-garanziji u dwar il-fatt li meta ttiehdet is-sentenza hija ma kinitx f'Malta, iwasslu ghan-nullita' tal-imsemmija garanziji u wkoll tal-ewwel sentenza. Din is-sottomissjoni ma tghinx lill-attrrici, ghaliex, skond il-kriterji li ghadhom kemm issemmew, dan huwa sewwasew l-element li jirradika l-kwezit tal-*eadem causa petendi*. Minbarra dan, ukoll jekk kien hemm xi nullita', il-fatt li s-sentenza ghaddiet f'gudikat "tigi vestita u mlibbsa virtwalment b'karattru assolut ta' veridicita'" skond il-massima *res judicata pro veritate habetur* [ara sentenza tal-**11 ta' Marzu, 1949** fil-kawza fl-ismijiet Cassar Parnis vs Soler noe (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**)];

Illi, ghalhekk, il-Qorti ssib li lil hinn minn kull dubju, il-kwestjoni li hija l-mertu tal-kawza tallum timmira li tiftah mill-gdid vertenza li nghalqet bis-sentenza li nghatat f'Mejju, 2000, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-Bank mharrek tidher misthoqqa;

Illi, ghalhekk, m'huwiex mehtieg li wiehed jgharbel it-tieni eccezzjoni u x'kellhom x'jghidu l-partijiet dwarha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

Filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Bank imharrek tal-*exceptio rei judicatae* u tehles lill-istess Bank milli joqghod fil-gudizzju; u

**Tichad it-talbiet tal-attrici.**

Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

*7 ta' Mejju, 2001.*

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Mejju, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Mejju, 2001.**